Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.safilc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Id-Disgħa Leġiżlatura

Laqgħa Numru 6/2026

24 ta' Ġunju, 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-6:00pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Kurt Debono | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |

Skużati

| | |
|---|---|
| Claire Zammit | Kunsilliera |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

**6.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qal li l-Kunsilliera Claire Zammit kienet avżat biex tkun skużata milli tattendi għal laqgħa tal-Kunsill. Hija ġiet skużata.

**6.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

6.1.1 Is-Sindku qal li ref 5.2.5 (applikazzjoni tal-*Planning Authority* PC56/52) din ġiet differita għal Lulju.

6.1.2 Is-Sindku qal li ref punt 5.2.7 (vannijiet kbar li kienu qed jgħaddu minn Triq San Tumas) tabelli ta' vann fil-verita' ma kienx hemm f'din it-triq. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill jordna dawn it-tabelli.

Is-Sindku qal li kien irċieva talba biex issir STOP SIGN għaliex, min ikun tiela' minn ħdejn il-mużew tas-subien u min ikun ġej minn naħa tal-maħżen tal-armar, qegħdin ikunu ser jaħbtu f'xulxin. Huwa qal li l-ideal nikkonsultaw ma' *Transport Malta* sabiex naraw fejn għandha ssir din it-tabella. Il-Kunsill qabel.

6.1.3 Is-Sindku qal li ref punt 5.2.7 (Triq Dun Guzepp Caruana) kien iltaqa' ma' rappreżentant ta' ADI Associates fejn talab sabiex jagħtuna stima biex isiru l-istudji neċessarju biex jiġu identifikati x'miżuri nistgħu nieħdu sabiex jitnaqqas it-traffiku u l-velocita'minn din it-triq. Spjega wkoll li f'dan l-istudju kienu ser jieħdu anki l-counts tal-karozzi li kienu qed jgħaddu u jużaw Triq Dun Gużepp Caruana fi triqithom lejn il-lokalita' taż-Żurrieq.

6.1.4 Is-Sindku qal li ref punt 5.2.8 (Lapida għar-rebbieħa ta' Premju Onorifiċenza) kien staqsa Kunsilli oħra jekk kellhomx xi ħaġa simili. Is-Sindku wera l-plakka li kellhom il-Kunsill tal-Birgu, pero' xorta ma kienx hemm qbil li għalissa ssir qabel ikun individwat spazju ideali fejn din il-plakka tista' teħel minħabba li l-premju jingħata kull sena.

6.1.5 Is-Sindku qal ref punt 5.2.10 (*Minn Pjazza għal Pjazza*) l-attivita' kienet saret u kienet suċċess.

6.1.6 Is-Sindku qal li ref punt 5.1.11 (*merry go round*) kienet tpoġġiet postha u s-*sea saw* għalkemm ordnata kienet għadha ma waslitx.

6.1.7 Is-Sindku qal li ref punt 5.2.12 (yellow lines Triq ta' Rqajja) wara ħafna diskussjonijiet kien instab kompromess u ż-żewġ residenti kienu qablu.

6.1.8 Is-Sindku qal li ref punt 5.6 (rapport sigurta' fit-toroq) il-Kunsill kien għadda r-rapport lil *Transport Malta* li kienu ser ituna *feedback* minn naħa tagħhom.

6.1.9 Il-Kunsillier Kurt Debono qal li fl-laqgħa preċidenti kien semma' il-kwistjoni tal-Easypick tal-Maltapost u li ma kinitx tniżżlet fil-minuti. Is-Sindku qal li kien iddobba d-dettalji tal-persuna inkarigat minn naħa tal-Maltapost u li kien ser jgħaddihom lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex inkunu nistgħu nressqu talba għaliha.

**6.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

6.2.1 Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 25 ta' Mejju, 2026 kien attenda konferenza stampa fejn il-Kunsill ingħata l-ammont ta' €20,000 għal attivita' kulturali *Festa Familja*.

6.2.2 Is-Sindku qal li nhar il-Ħamis 4 ta' Ġunju kien attenda laqgħa mal-kuntrattur li kien rebaħ il-kuntratt sabiex nagħmlu l-panelli fotovoltajiċi. Huwa spjega li l-kuntrattur diġa' kien installa l-istruttura pero' kien għad fadal li nqabbduhom mas-sistema.

6.2.3 Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 15 ta' Ġunju, 2026 kien attenda laqgħa mal-*Community Police* fejn iddiskutew il-problema tal-karozzi li qed jgħaddu bi *speed* eċċessiv fi Triq Dun Gużepp Caruana. Is-Sindku qal li apparti li ser ikun hemm il-preżenza tal-*Community Police* kemm fil-bandli kif ukoll fi Triq Dun Gużepp Caruana, is-Surġent kien qed jissuġġerixxi li l-*community police* jibdew jużaw l-*laser speed guns* biex min jinqabad isuq b'mod eċċessiv jiġifieri ftit aktar minn 30 km/h jiġi mmultat. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għal issa jsir monitoragg mingħajr l-użu tal-*gun* u nistennew l-eżitu tar-rapport li għandu jsir minn ADI Ltd.

6.2.4 Is-Sindku fakkar lill-kunsillieri li nhar il-Ġimgħa 10 ta' Lulju kien ser isir is-*Summer Event mill-LCA l-Alfa Gardens* u li għaliha kulħadd seta jirreġistra.

6.2.5 Is-Sindku qal li dak in-nhar tal-laqgħa (24.6.26) wara nofsinhar flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu ltaqgħu mal-Perit tal-Kunsill minħabba l-applikazzjoni għat-tielet sular. Is-Sindku spjega li sa issa kienu ressqu *concept design* li issa ser ikomplu jelaborawh u jekk jilħqu jlestu sal-laqgħa li jmiss jitressaq quddiem il-Kunsill biex jiġi ikun jista' jiġi diskuss fid-dettall.

6.2.6 Is-Sindku qal li nhar il-Ħamis 11 ta' Ġunju, 2026 il-Kunsill kien talab laqgħa flimkien mar-*Reġjun Punent* u l-kuntrattur tal-*Waste Collection* biex jiġu ndirizzati l-problemi li l-Kunsill kien qed jiffaċċja minn naħa tal-kuntrattur. Is-Sindku spjega x'kien ġara u li kien hemm ġranet fejn il-kuntrattur ma' ġabarx l-iskart. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-iskart inġabar iktar tard wara pressjoni li saret mill-Kunsill u mir-Reġjun Punent fuq il-kuntrattur. Is-Sindku qal li dan żgur mhuwiex aċċettabbli u li ma kienx se jittollerra dan l-aġir irresponsabbli mill-kollettur tal-iskart.

6.2.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva talba jekk isibx oġġezzjoni li *Rush Athletic Club* jorganizzaw it-tellieqa 5K nhar il-Ħadd 6 ta' Diċembru, 2026. Is-Sindku qal ukoll li r-*Rush Athletic Club* ser ikunu qed iressqu proposta lir-*Reġjun Punent* sabiex jgħinuhom finanzjament. Il-Kunsill qabel.

6.2.8 Is-Sindku qal li r-*Reġjun Punent* kien qed joffri li s-Sindku jew rappreżentant mill-Kunsill jattendi għal *European Week of Cities and Regions* ġewwa Brussell bejn it-12 u 14 ta' Ottubru fejn ir-Reġjun ser ikun qiegħed jiffinanzja l-ħlas tal-biljetti tal-ajru. Is-Sindku qal li huwa kien fi ħsiebu li jattendi. F'każ li ma jkunx sejjer jinforma lil xi ħadd mill-Kunsilliera sabiex jattendi minnfloku. Il-Kunsill qabel.

6.2.9 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva *email* u stedina mingħand organizzazzjoni Griega li konna diġa' ħdimna magħhom fil-passat, sabiex il-Kunsill juri x-xewqa li jingħaqad fi proġett taċ-*Ċerv* li ser tkun qed tapplika għalih taħt fondi Ewropej. Is-Sindku spjega li jekk jintrebaħ dan il-proġett ser ikun imqassam fuq ħames konferenzi f'pajjiżi Ewropej li l-probabbilta' li jsiru jew is-sena d-dieħla jew is-sena ta' wara, bil-possibilita' li waħda mill-konferenzi ssir f'Ħal Safi. Is-Sindku kkonferma wkoll li l-maġġoranza tal-ispejjeż ta' dan il-proġett tkun kważi kollha koperta minn fondi Ewropej. Il-Kunsill iddiskuta u kkonferma li ningħaqdu bħala partners għal dan il-proġett.

6.2.10 Is-Sindku qal li kien irċieva suġġeriment biex jeħel bin fi Triq il-Ħajt Ruman viċin l-*street hawker*. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jweħħel bin x'imkien viċin.

6.2.11 Is-Sindku qal li *Project Green* kien qed joffru li jagħmel *embellishment* taż-żewġ spazji miftuħa, dak ta' Ġnien T'Amparell u kif ukoll ta' Ġnien 31 ta' Marzu li jinsabu t-tnejn li huma fiż-żona T'Amparell. Is-Sindku qal li l-finanzjament tat-tisbiħ u kif ukoll il-manutenzjoni u tisqija tal-istess ġonna ser taqa' f'idejn *Project Green.* Is-Sindku wera l-pjanti provduti minn Project Green ta' kif qed jiġi propost it-tisbiħ. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jsir dan it-tisbiħ hekk kif propost minn Project Green. Il-Kunsill se jkun ukoll qed jitlob lil Project Green il-possibilita' li jiġi nstallat id-dawl fi ġnien T'Amparell.

6.2.12 Is-Sindku qal *li Projects Green* kienu ukoll qed jaħdmu fuq t-tenders ta' Ġnien Dun Karm Vella u li probabbli li lejn l-aħħar ta' din is-sena jew bidu tas-sena d-dieħla ser nibdew bil-proġett ta' dan il-Ġnien.

**6.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**6.3.1** Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qal li kien bi ħsiebha tagħmel dawn l-attivitajiet:

Norganizzaw ħarġa l-baħar darba fil-ġimgħa bejn is-7:00pm u l-8:30pm il-Wied iż-Żurrieq

*Beach Sport Games* għat-tfal b'Bugia akkompanjati mal-adulti

Ġurnata *Canoeing*

Ġurnata Sqallija

Dawra Blue Grotto bid-dagħjsa u

Ġurnata Għawdex (Din kellha tiġi diskussa flimkien mal-Kunsilliera Claire Zammit)

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla resqet talba sabiex nitolbu *flyer* mill-*Active Aging* minħabba d-*Day Centre* sabiex ikun hawn aktar nies konxji mis-servizzi li qegħdin jingħataw.

6.3.2 Il-Kunsillier Kurt Debono ssuġerixxa li l-Kunsill jirrifreska l-linji tas-*service road* fi Triq il-Kuċċard sabiex isir il-parkeġġ kif suppost u li jeħlu tabelli '*Parking within the Lines'*. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jsiru.

6.3.3 Il-Kunsillier Kurt Debono jekk il-Kunsill kellux data meta kienu ser jitlestew ix-xogħolijiet fi Triq Qerd in-Naħal, għaliex xi residenti kienu qed jilmentaw li qed ikun hemm ġranet fejn il-kuntrattur lanqas ikun fuq il-lant tax-xogħol. Is-Sindku kkonferma li kellhom isiru diversi xogħolijiet fosthom l-bankini inkluż is-servizzi (li jieħdu ħafna ħin) speċjalment sabiex jitneħħew il-*crossings* li kien hemm f'nofs it-triq, isir *storm water culvert* kif ukoll tarmak mill-ġdid.

**6.4 Fuljett Awwissu 2026**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li f'xi laqgħa preċidenti kienet ġiet diskussa jekk il-Kunsill għandux jibda joħroġ fuljett wieħed fis-sena minflok tnejn, u jekk ser isir wieħed meta ser jiġi pubblikat. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill joħroġ fuljett wieħed biss għal Diċembru.

**6.5 Hatra Bord għall-Interviews Fattiga tal-Kunsill**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat fhiex kienet waslet l-ingaġġ għall-fattiga tal-Kunsill. Hija qalet li kienu daħlu żewġ applikazzjonijiet biss u li issa kien jinħtieġ li l-Kunsill jaħtar bord sabiex ikunu jistgħu isiru l-interviews lil dawn iż-żewġ applikanti.

Is-Sindku qal li huwa bħala Sindku jkun c-Cherperson tal-Bord u li kien jinħtieġ żewġ membri oħra fuq dan il-Bord. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Viċi Sindku Francis Callus u l-Kunsillier Kurt Debono jkunu fuq il-bord u l-Kunsilliera Joanna Abdilla tkun bħala sostituta jekk ma jkunx jista' xi ħadd meta jissejħu l-interviews.

## 6.6 Festa 2026

Is-Sindku qal li huwa kien ser jattendi laqgħa ma' *Transport Malta* rigward ir-rotta tal-linja għal żmien il-festa u biex ikollna t-*temporary bus stops* f'posthom.
Ser ikollna bżonn ukoll:

Il-Kunsill jibbukkja l-Wardens għall-Ġimgħa, s-Sibt u l-Ħadd (28,29,30 Awwissu) bejn is-6:00pm u nofsillejl għal Triq l-Iskola. Il-Każin tal-Banda għandu jibbukkja l-Wardens fil-15 t'Awwissu biex iżejnu Triq iż-Żurrieq kif ukoll il-wardens għal Triq il-Kuċċard meta jarmaw l-armar tan-nar u meta Triq il-Kuċċard tkun magħluqa għat-traffiku.

2 Skips – waħda għal organic u oħra għall-borża s-sewda

Nordnaw bins mir-Reġjun.

Mobile Toilets – 2 għal ħdejn is-sorijiet u ieħor għal Triq il-Kuċċard.

Nordnaw il-floodlights għall-pjazza kif ukoll għal Triq il-Kuċċard.

Nitolbu li jsir knis addizzjonali f'dawn il-ħinijiet:

Is-Sibt filgħodu kmieni jiġifieri fis-6:00am

Il-Ħadd filgħodu kmieni ukoll fis-6:00am biex jiknes l-ewwel il-pjazza u wara Triq il-Kuċċard fejn jintrema n-nar tal-art.

Il-Ħadd ukoll wara nofsinhar fil-pjazza u Żurrieq Road fl-4:00pm

It-Tnejn filgħodu kmieni fis-6:00am

## 6.7 Korrispondenza

Saru xi mistoqsijiet fuq xi korrispondenza.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet kwotazzjoni ta' €1751 sabiex isiru:

- ħames trolleys biex nġorru s-siġġijiet li għandna tas-sala,
- 4 Flag spreads biex meta jkollna xi attivita' l-bnadar jidhru puliti
- Nirranġaw il-gate tal-bandli minn naħa tal-bandli għax qed jidħlu minnha.

## 6.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**6.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fis-9.44pm. Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju, 2026 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |